

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Għajnuna Legali](#) > Slovakia

Għajnuna legali

Slovakkja

Slovakkja



Regola nazzjonali: L-Att dwar l-Għajnuna Legali

[L-Att Nru 327/2005](#) dwar l-għoti ta' għajnuna legali lil persuni fi bżonn materjali u li jemenda l-Att Nru 586/2003 dwar il-professjoni legali u li jemenda l-Att Nru 455/1991 dwar l-attività kummerċjali (l-Att dwar in-Negozju), kif emendat bl-Att Nru 8/2005, li ilu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2006.

SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

L-Artikolu 14(2), l-ewwel inċiż – Ismijiet u indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti riċeventi jew trażmittenti

L-awtorità kompetenti li tirċievi u tittrażmetti hija ċ-Ċentru tal-Għajnuna Legali. Iċ-Ċentru tal-Għajnuna Legali għandu l-uffiċċji li ġejjin madwar is-Slovakkja:

Iċ-Ċentru tal-Għajnuna Legali

[L-Uffiċċju ta' Bratislava](#)

Distretti koperti mill-uffiċċju:

Bratislava I, Bratislava II, Bratislava III, Bratislava IV, Bratislava V, Malacky, Pezinok, Senec u Galanta

Iċ-Ċentru tal-Għajnuna Legali

[Uffiċċju ta' Trnava](#)

Distretti koperti mill-uffiċċju:

Trnava, Senica, Skalica, Hlohovec u Piešťany

Iċ-Ċentru tal-Għajnuna Legali

[Uffiċċju ta' Trenčín](#)

Distretti koperti mill-uffiċċju:

Trenčín, Nové mesto nad Váhom, Myjava, Ilava u Bánovce nad Bebravou,

Iċ-Ċentru tal-Għajnuna Legali

[Uffiċċju ta' Nitra](#)

Distretti koperti mill-uffiċċju:

Nitra, Topoto čany, Zlaté Moravce, Levice u Šaľa

Iċ-Ċentru tal-Għajnuna Legali

[Uffiċċju ta' Komárno](#)

Distretti koperti mill-uffiċċju:

Komárno, Nové Zámky u Dunajská Streda

Iċ-Ċentru tal-Għajnuna Legali

[L-Uffiċċju ta' Banská Bystrica](#)

Distretti koperti mill-uffiċċju:

Banská Bystrica, Zvolen, Detva, Brezno, Krupina u Veľký Krtíš

Iċ-Ċentru tal-Għajnuna Legali

[L-Uffiċċju ta' Žiar nad Hronom Office](#)

Distretti koperti mill-uffiċċju:

Žiar nad Hronom, Žarnovica, Partizánske, Prievidza u Banská Štiavnica,

Iċ-Ċentru tal-Għajnuna Legali

[L-Uffiċċju ta' Rimavská Sobota](#)

Distretti koperti mill-uffiċċju:

Rimavská Sobota, Lučenec, Poltár u Revúca

Iċ-Ċentru tal-Għajnuna Legali

[L-Uffiċċju ta' Žilina](#)

Distretti koperti mill-uffiċċju:

Žilina, Považská Bystrica, Bytča, Čadca, Kysucké Nové Mesto, Turčianske Teplice, Martin u Púchov

Iċ-Ċentru tal-Għajnuna Legali

[L-Uffiċċju ta' Liptovský Mikuláš](#)

Distretti koperti mill-uffiċċju:

Liptovský Mikuláš, Ružomberok u Poprad

Iċ-Ċentru tal-Għajnuna Legali

[L-Uffiċċju ta' Tvrdošín](#)

Distretti koperti mill-uffiċċju:

Tvrdošín, Dolný Kubín u Námestovo

Iċ-Ċentru tal-Għajnuna Legali

[L-Uffiċċju ta' Košice](#)

Distretti koperti mill-uffiċċju:

Košice I, Košice II, Košice III, Košice IV, Košice okolie, Rožňava, Gelnica, Spišská Nová Ves u Trebišov

Iċ-Ċentru tal-Għajnuna Legali

[L-Uffiċċju ta' Prešov](#)

Distretti koperti mill-uffiċċju:

Prešov, Stará Ľubovňa, Levoča, Sabinov u Kežmarok

Iċ-Ċentru tal-Għajnuna Legali

[L-Uffiċċju ta' Svidník](#)

Distretti koperti mill-uffiċċju:

Svidník, Bardejov, Stropkov u Medzilaborce

Iċ-Ċentru tal-Għajnuna Legali

[L-Uffiċċju ta' Humenné](#)

Distretti koperti mill-uffiċċju:

Humenné, Snina, Vranov nad Topľou, Michalovce u Sobrance

Minbarra l-uffiċċji tiegħu, iċ-Ċentru tal-Għajnuna Legali għandu wkoll ċentri ta' konsultazzjoni li jipprovdu pariri dwar jiem stabbiliti minn qabel.

L-Artikolu 14(2), it-tieni inċiż – Iż-żona ġeografika ta' ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet riċeventi u trażmittenti

Iċ-Ċentru tal-Għajnuna Legali huwa l-awtorità kompetenti għas-Slovakkja kollha. Bħala regola, iċ-Ċentru jipprovdi s-servizzi tiegħu permezz tal-uffiċċji tiegħu.

Ġurisdizzjoni territorjali tal-awtoritajiet li jittrasferixxu:

Ir-rikorsi għall-għajnuna legali li għandhom jiġu ttrasferiti lejn Stat Membru ieħor iridu jiġu ppreżentati lill-uffiċċju ta' Ċentru tal-Għajnuna Legali responsabbli għall-post ta' residenza permanenti jew temporanju tar-rikorrent.

Ġurisdizzjoni territorjali tal-awtoritajiet riċeventi:

Ir-rikorsi għall-għajnuna legali jistgħu jiġu ppreżentati direttament lill-uffiċċju ta' Ċentru tal-Għajnuna Legali responsabbli għall-post fejn il-kawża għandha tinbeda jew tkun għaddejja jew, jekk ir-rikors jikkonċerna għajnuna legali fi proċedimenti ta' eżekuzzjoni, il-post tal-eżekuzzjoni.

L-Artikolu 14(2), it-tielet inċiż – Metodi disponibbli biex jiġu rċevuti l-applikazzjonijiet

Ir-rikorsi jridu jsiru bil-miktub fuq il-formola preskritta, li għandha tiġi ppreżentata personalment jew bil-posta.

L-Artikolu 14(2), ir-rabà inċiż – Il-lingwi li jistgħu jintużaw għat-tlestija tal-applikazzjoni

Ir-rikorsi ppreżentati liċ-Ċentru tal-Għajnuna Legali jridu jkunu bis-Slovakk, iżda r-rikorsi biċ-Ċek huma aċċettati wkoll.

Jekk jiġi ttrasferit lejn Stat Membru ieħor ikkonċernat, ir-rikors bis-Slovakk u kwalunkwe dokument li jakkumpanjah iridu jiġu tradotti f'lingwa uffiċjali ta' dak l-Istat Membru.

■ L-aħħar aġġornament: 26/07/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhix fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.